# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 70/13 JRM**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Martin Dimech**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell maghmul mill-akkuzat Martin Dimech [l-appellant] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fil-15 ta' Dicembru 2016, li permezz taghha dik il-Qorti wiegbet ghall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti Kriminali li ma jirrizultax li sehh jew lanqas kien hemm il-biza li jsehh l-ebda ksur tal-jedd tal-akkuzat li jkollu smigh xieraq, la taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

2. Il-kwistjoni li giet riferita lill-Prim'Awla mill-Qorti Kriminali taqra hekk:

> "… jekk id-decizjoni ta' din il-Qorti li ma tissoprassjedix, b'xi mod tilledi d-dritt tar-rikorrent [allura akkuzat] taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u/jew that l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni".

<u>Il-Fatti</u>

3. Il-fatti fil-qosor huma dawn.

4. F'Gunju 2011 il-Qorti Kriminali appuntant il-kawza kriminali ghas-smigh tal-eccezzjonijiet preliminari ghat-13 ta' Gunju 2011. L-akkuzat issolleva quddiem dik il-Qorti kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali rigwardanti l-istqarrija li kienet giet irrilaxxjata minnu fl-istadju investigattiv u li tinsab fl-atti tal-kawza kriminali. Dik il-Qorti laqghet it-talba u rriferiet il-kwisjtoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [kawza 43/11]. Wara li tat is-sentenza taghha, sar appell quddiem din il-Qorti li b'sentenza moghtija fl-24 ta' April 2013 gie michud.

5. Konsegwentement, il-Qorti Kriminali appuntat il-guri ghas-smigh ghat-23 ta' Settembru 2013.

6. Fit-30 ta' Awwissu 2013 l-akkuzat fetah kawza [nru.61/13] kostituzzjonali rigwardanti d-diskrezzjoni moghtija mill-Avukat Generali taht il-Kap. 101 u, fost affarijiet ohra, talab li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili thassar u tannulla l-proceduri kriminali. Fil-mori ta' dik il-kawza, saret talba sabiex dik il-Qorti tordna li l-Qorti Kriminali tissospendi l-proceduri quddiemha sakemm jigu konkluzi l-proceduri kostituzzjonali. Dik it-talba giet michuda b'digriet moghti mill-Prim'Awla fis-17 ta' Settembru 2013.

7. Fil-frattemp, u precizament fit-30 ta' Awwissu 2013, l-akkuzat ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali sabiex dik il-Qorti twaqqaf milli jibda l-guri, sakemm jigu konkluzi l-proceduri kostituzzjonali [61/2013]. Din it-talba ghas-soprasessjoni giet michuda minn dik il-Qorti permezz ta' digriet moghti fit-2 ta' Settembru 2013 u talba ohra maghmula lill-istess Qorti kienet giet ukoll michuda fis-17 ta' Settembru 2013.

8. Sussegwentement, l-akkuzat ipprezenta rikors fl-20 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu talab li ssir referenza lill-qrati kostituzzjonali bazata fuq il-punt tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali skont il-Kap. fuq citat, kif ukoll fuq il-punt jekk ic-cahda ghas-soprassessjoni da parti tal-Qorti Kriminali sakemm jigu konkluzi l-proceduri kostituzzjonali hijex vjolattiva tad-drittijiet fundamentali tieghu ghas-smigh xieraq. Fit-23 ta' Settembru 2013 il-Qorti Kriminali ghamlet ir-referenza meritu tal-proceduri odjerni.

Is-Sentenza Appellata

9. Din taqra hekk:

"Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti Kriminali fit-23 ta' Settembru, 2013[1] (sedenti l-Onorevoli Imħallef Lawrence Quintano) li permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-akkużat Martin Dimech b'rikors tiegħu tal-20 ta' Settembru 2013, wara degriet mogħti minn dik il-Qorti fit-2 ta' Settembru, 2013, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ jekk kemm-il darba ċ-ċaħda tagħha li tieqaf milli tkompli tisma' l-kawża (soprasessjoni) u ma tibdilx l-imsemmi degriet tagħha kisirx b'xi mod il-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq tal-każ tiegħu kemm taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni") u kif ukoll taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni");

"Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2013, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ tat-8 ta' Ottubru, 2013;

"Rat ir-Risposta mressqa mill-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Ottubru, 2013[2], li biha laqa' għar-Riferenza billi qal li għalkemm il-Qorti Kriminali ma kinitx laqgħet it-talba tal-akkużat biex tissoprassjedi, b'xi mod hekk għamlet ladarba irriferiet il-kwestjoni lil din il-Qorti. Qal li bl-imsemmi degriet ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd tal-akkużat li jkollu smigħ xieraq, għaliex is-setgħa li Qorti tagħżel li tieqaf jew li tkompli tisma' każ waqt li jkun hemm proċeduri oħrajn li jistgħu jolqtuh hija setgħa li taqa' fid-diskrezzjoni waħdanija ta' dik il-Qorti, sakemm twettaqha kif titlob il-liġi u fiċ-ċirkostanzi li l-liġi taħseb għalihom. Żied jgħid li l-fatt li l-akkużat kien għażel li jiftaħ kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali quddiem il-Qrati f'Malta[3] u kif ukoll kawża b'ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali quddiem il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu[4] ma kienx raġuni tajba biex il-Qorti Kriminali (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Qorti Riferenti") tagħżel li twaqqaf is-smigħ tal-kawża li kellha quddiemha;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-akkużat fit-22 ta' Novembru, 2013[5];

---

[1] Paġġ. 1 sa 3 tar-Riferenza
[2] Paġġ. 729 sa 732 tar-Riferenza
[3] Rik. Kost. 61/13AE (maqtugħ mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16.9.2014)
[4] Applik. 34373/13 (maqtugħa mill-Q.E.D.B. fit-2 ta' April, 2015)
[5] Paġġ. 741 – 8 tar-Riferenza

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali fl-20 ta' Jannar, 2014[6], bi tweġiba għal dik imressqa mill-akkużat;

"Rat l-atti kollha tar-Riferenza;

"Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti Kriminali (il-Qorti Riferenti) biex tqis jekk l-akkużat ġarrabx ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, meta l-istess Qorti Riferenti ċaħdet talba tiegħu biex twaqqaf is-smigħ ta' ġuri li huwa kellu jgħaddi skond l-Att tal-Akkuża maħruġ kontrih fit-8 ta' Lulju, 2010;

"Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li fuq tagħrif li ngħata lill-Pulizija f'Marzu tal-2009, u wara żmien ta' osservazzjoni li l-istess Pulizija għamlet, fl-1 ta' Mejju, 2009, saret tfittxija f'dar tal-akkużat bl-isem ta' "*St Michael's Farmhouse*", fi Triq Ħaż-Żabbar, fiż-Żejtun, u hemmhekk instabu boroż b'sustanza ta' lewn kannella li kien maħsub li kienet droga erojina minbarra ħwejjeġ marbuta mat-tqassim u t-traffikar tad-droga;

"Illi fit-2 ta' Mejju, 2009, l-akkużat għamel stqarrija waqt li kien miżmum mill-Pulizija[7];

"Illi l-akkużat kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-4 ta' Mejju, 2009, u mixli bi traffikar u pussess ta' droga mhux għall-użu tiegħu u li kien waqa' reċidiv[8];

"Illi b'ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali fit-2 ta' Mejju, 2009[9] taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, intalab li l-każ tal-akkużat jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali;

"Illi b'degriet tal-21 ta' Mejju, 2009[10], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat il-ħelsien mill-arrest provviżorju lill-akkużat taħt il-kundizzjonijiet hemm imfissra. B'degriet mogħti mill-istess Qorti dakinhar ukoll[11], dik il-Qorti sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt Att tal-Akkuża u ordnat li l-atti tal-Kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali;

[6] Paġġ. 751 – 8 tar-Riferenza
[7] Paġġ. 446 – 8 tar-Riferenza
[8] Paġġ. 404 – 5 tar-Riferenza
[9] Paġ. 412 tar-Riferenza
[10] Paġġ. 486 – 7 tar-Riferenza
[11] Paġ. 498 tar-Riferenza

"Illi fit-8 ta' Lulju, 2010, l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att tal-Akkuża kontra l-akkużat li laqa' n-notifika tagħha l-għada[12] u ressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet fit-22 ta' Lulju, 2010[13];

"Illi b'degriet tat-8 ta' Ġunju, 2011[14], il-Qorti Riferenti qiegħdet il-kawża għas-smigħ tat-13 ta' Ġunju, 2011, għat-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-akkużat;

"Illi b'rikors tiegħu tal-10 ta' Ġunju, 2011[15], l-akkużat qajjem il-kwestjoni tal-ksur tal-jedd fundamentali tiegħu dwar l-istqarrija li kien ta lill-Pulizija bla ma kien mgħejjun minn avukat;

"Illi fl-4 ta' Lulju, 2011[16], il-Qorti Riferenti laqgħet it-talba tal-akkużat u rriferiet il-kwestjoni għal quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta)[17];

"Illi wara li l-Qorti Kostituzzjonali iddisponiet mill-kwestjoni bis-sentenza tagħha tas-26 ta' April, 2013[18], b'degriet tal-24 ta' Lulju, 2013, il-Qorti Riferenti appuntat il-Ġuri għat-23 ta' Settembru, 2013[19];

"Illi fit-8 ta' Awwissu, 2013, l-akkużat fetaħ kawża oħra quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) b'ilment ieħor ta' ksur ta' jedd fundamentali[20] u għalhekk, b'Nota fl-atti tal-kawża[21], għarraf lill-Qorti Riferenti b'dak il-pass li ħa;

"Illi fit-30 ta' Awwissu, 2013, l-akkużat ressaq rikors[22] li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li l-Qorti Riferenti twaqqaf is-smigħ tal-kawża (il-Ġuri) sakemm tinqata' l-kawża mressqa minnu dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali;

"Illi l-Qorti Riferenti ċaħdet it-talba tal-akkużat għas-soprasessjoni b'degriet tat-2 ta' Settembru, 2013[23];

"Illi l-akkużat ressaq talba quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) biex tordna lill-Qorti Kriminali twaqqaf is-smigħ tal-Ġuri sakemm tinqata' dik il-kawża. B'degriet tas-17 ta' Settembru, 2013[24], din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet it-talba;

---

[12] Paġ. 7 tar-Riferenza
[13] Paġġ. 11 – 2 tar-Riferenza
[14] Paġġ. 14 – 6 tar-Riferenza
[15] Paġġ. 17 – 8 tar-Riferenza
[16] Paġġ. 39 sa 44 tar-Riferenza
[17] Rif. Kost.43/11MCH (maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26.4.2013)
[18] Paġġ. 46 sa 51 tar-Riferenza
[19] Paġ. 52 tar-Riferenza
[20] Rik. Kost. 61/13AE
[21] Paġ. 54 tar-Riferenza
[22] Paġġ. 62 – 3 tar-Riferenza
[23] Paġ. 66 tar-Riferenza
[24] Paġġ. 737 – 8 tar-Riferenza

"Illi fl-20 ta' Settembru, 2013[25], l-akkużat ressaq rikors ieħor li fih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lill-Qorti Riferenti biex tqis il-kwestjoni kostituzzjonali mqanqla minnu kemm dwar il-kwestjoni tal-prevedibilita' tal-piena minħabba d-diskrezzjoni mħaddma mill-Avukat Ġenerali dwar liema Qorti jmissha tisma' l-każ tiegħu u kif ukoll dwar iċ-ċaħda tas-soprasessjoni tal-kawża sakemm tinqata' l-kawża dwar l-ilment ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu;

"Illi fit-23 ta' Settembru, 2013, il-Qorti Riferenti tat il-provvediment li, bis-saħħa tiegħu, saret ir-Riferenza tal-lum;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ taħt eżami, din il-Qorti tqis li l-kwestjoni kollha tintrabat mas-siwi ta' degriet interlokutorju li l-Qorti Riferenti kienet tat – fit-2 ta' Settembru, 2013 (iżjed 'il quddiem imsejjaħ "id-Degriet") – dwar jekk kellhiex tieqaf jew le milli tkompli tisma' kawża ladarba l-akkużat kien ressaq kawża quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) b'ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Biex ikun ingħad kollox, il-Qorti Riferenti kienet diġa' ċaħdet talba tal-akkużat li tieqaf milli tkompli tisma' l-kawża, iżda wara li l-akkużat reġa' ressaq talba oħra b'rikors tiegħu tlitt ijiem qabel kellu jibda jinstema' l-każ, il-Qorti Riferenti dehrilha li t-tqanqil tal-"kwestjoni kostituzzjonali" min-naħa tal-akkużat ma kienx wieħed fieragħ;

"Illi din il-Qorti tibda biex tirrileva li meta l-Qorti Riferenti kienet tat id-Degriet l-akkużat kien diġa' fetaħ it-tieni kawża tiegħu dwar ksur ta' jedd fundamentali. Meta l-akkużat ressaq ir-rikors li bih il-Qorti Riferenti kienet għamlet ir-Riferenza tal-lum, il-Qorti li quddiemha kienet qiegħda tinstema' l-kawża dwar il-ksur tal-jedd fundamentali kienet ukoll ċaħdet talba tiegħu biex tordna lill-Qorti Riferenti milli twaqqaf is-smigħ tal-ġuri. Għalhekk, ir-Riferenza trid titqies f'dan il-qafas kronoloġiku fejn, milli jidher, bis-saħħa tat-tieni rikors imressaq mill-akkużat fl-20 ta' Settembru, 2013, il-Qorti Riferenti daħlilha dubju jekk id-Degriet kienx tabilħaqq jikser il-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq. Dan qiegħed jingħad għaliex, bejn id-data meta ngħata d-Degriet u meta l-Qorti Riferenti għamlet ir-Riferenza, ma kien ġara xejn ġdid li bidel il-qagħda jew iċ-ċirkostanzi tal-każ tal-akkużat;

"Illi bla ma din il-Qorti b'xi mod tindaħal dwar il-mod kif il-Qorti Riferenti għażlet li timxi u minħabba li wara kulħadd huwa għaref, jekk tabilħaqq il-Qorti Riferenti kellha xi dubju dwar id-Degriet, setgħet bl-akbar ħeffa tibdlu "*contrario imperio*" ladarba d-degriet huwa wieħed interlokutorju u l-Qorti (Riferenti) tista' f'kull waqt titbiegħed minnu jekk tinġabilha raġuni sewwa biex tagħmel dan[26], u iżjed u iżjed meta l-akkużat innifsu talabha tagħmel dan b'rikors imressaq għal b'dan il-ħsieb;

---

[25] Paġġ. 69 sa 71 tar-Riferenza

[26] Art. 230 tal-Kap 12 (għalkemm dan l-artikolu ma jinsabx fost dawk imsemmija fl-art. 520(1) tal-Kap 9)

"Illi, lil hinn minn dan, huwa aċċettat li din il-Qorti, fis-setgħat partikolari kostituzzjonali tagħha, mhijiex miżmuma milli taqta' u tiddeċiedi, meta jkun il-każ, jekk xi qorti oħra tkunx kisret xi jedd fundamentali ta' persuna kemm b'xi pronunċjament tagħha, kemm b'xi mġiba partikolari waqt is-smigħ, kemm b'xi ksur tar-regoli essenzjali tal-proċediment li jkun inżamm quddiemha, u kif ukoll dwar xi nuqqas kostitutiv tagħha li b'xi mod jikser il-jedd ta' smigħ xieraq. Naturalment, stħarriġ bħal dan ma jibdilx lil din il-Qorti f'waħda li twettaq is-setgħat proprji tal-qorti li tkun mistħarrġa, liema setgħat huma merfugħa mil-liġi għal dik il-qorti partikolari[27];

"Illi huwa f'dawn it-termini li sejra tqis ir-Riferenza mibgħuta lilha mill-Qorti Riferenti. Għalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qorti Riferenti, għaliex dan mhuwiex ix-xogħol li trid tagħmel biex tistħarreġ kif jixraq ir-Riferenza li saritilha. Ir-Riferenza mressqa mill-Qorti Riferenti trid titqies biss fil-parametri tal-formulazzjoni magħmula u fil-qafas ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Jidher li l-akkużat isejjes iċ-ċaħda tas-soprasessjoni mal-jedd ta' aċċess effettiv għal qorti. Huwa jargumenta[28] li d-Degriet tal-Qorti Riferenti kien iċaħħdu milli jaċċedi għal qorti għaliex, jekk il-Ġuri kellu jitkompla sakemm ikun għadu qiegħed jinstema' l-ilment tiegħu dwar ksur ta' jedd fundamentali quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, kien sejjer ikun effettivament imċaħħad minn smigħ xieraq. Iżid jgħid li l-Istat għandu obbligu pożittiv li jaħlaq "mekkaniżmu" għal aċċess effettiv għall-qrati;

"Illi min-naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali jisħaq li hija diskrezzjoni mogħtija lil kull Qorti li tqis u tagħżel jekk għandhiex tissoprassjedi u żżomm is-smigħ ta' kawża sakemm tkun għaddejja kawża oħra li tista' taffettwaha. Dik id-diskrezzjoni tagħtihielha l-liġi u ma tistax b'hekk tissarraf fi ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq jekk kemm-il darba dik il-Qorti ssib li hemm kundizzjonijiet biex tagħżel li żżomm is-smigħ ta' kawża jew jekk taqtagħha li ma jkunx hemm dawk il-kundizzjonijiet. Iseddaq dan l-argument billi jgħaddi biex isemmi għadd ta' sentenzi, mogħtijin kemm mill-Qrati Maltin u kif ukoll minn dik ta' Strasburgu[29];

"Illi, kif ingħad, jidher li r-Riferenza titlob stħarriġ kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

"Illi safejn huwa rilevanti għall-każ tal-lum, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*". Barra minn hekk, l-artikolu 39(2) jipprovdi li "*Kull Qorti jew awtorita' oħra mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjonijiet ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun*

[27] Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol. **LXXXV.i.239**)
[28] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 742 – 7 tar-Riferenza
[29] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 752 – 7 tar-Riferenza

*indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*";

"Illi l-Qorti sejra tqis ir-Riferenza li saritilha taħt dawn id-dispożizzjonijiet flimkien u dan għaliex jidher li d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni huma miruta minn dawk tal-Konvenzjoni u jixxiebhu għalihom, u wkoll għaliex l-istess Riferenza tfasslet biex tqis il-kwestjoni speċifika tal-prinċipju tas-smigħ xieraq fid-dawl ta' degriet mogħti minn qorti;

"Illi xieraq jingħad li huwa aċċettat li s-soprasessjoni tas-smigħ ta' kawża tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir. Madankollu, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[30], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[31]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[32], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens*[33] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

"Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[34]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[35]. Huwa provvediment li jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[36]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed

---

[30] Art. 195(1) tal-Kap 12

[31] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);

[32] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.211**)

[33] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**) u P.A. Kost LSO **21.7.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et*** (*in parte*)

[34] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)

[35] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

[36] App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)

"alejatorju"[37] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[38];

"Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien[39]. Il-Qorti tinnota li t-talba magħmula mill-akkużat ma hijiex l-ewwel talba tal-għamla tagħha u l-Qrati diġa' kellhom jipprovdu dwarha sewwasew f'kawżi li jirrigwardaw kwestjonijiet marbutin ma' proċedimenti dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali[40]. Prinċipju li ntlaqa' mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan ir-rigward hu li dik il-Qorti ma tindaħalx fit-twettiq minn xi Qorti oħra dwar jekk għandhiex tilqa' jew tiċħad talba għal soprasessjoni, sakemm tali Qorti "tkun imxiet b'mod irregolari jew ħadet deċiżjoni manifestament żbaljata"[41];

"Illi din il-Qorti tagħraf bejn dawk il-provvedimenti ordinatorji li tagħti kull Qorti li jolqtu l-qalba tal-proċediment u dawk li jkunu maħsuba biex irażżnu xi tentattiv ta' xi waħda mill-partijiet biex il-każ jittawwal bla bżonn jew jintilef f'dettal mhux ewlieni jew siewi għas-soluzzjoni tal-każ. Jidher li l-istħarriġ dwar ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq huwa iżjed rigoruż f'tal-ewwel milli f'tat-tieni, għaliex sakemm id-deċiżjoni taċ-ċaħda fl-ewwel każ ma tintweriex li hija waħda għal kollox irraġonevoli jew arbitrarja, deċiżjoni bħal dik taqa' fl-ambitu tal-funzjoni deliberativa ta' dik il-qorti u għalhekk qajla tissarraf fi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq[42];

"Illi meta l-Qorti qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fil-qafas tal-fatti u taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ tal-akkużat, issib li d-Degriet ma jista' bl-ebda mod jitqies li kiser jew li hemm il-biżgħa li jikser il-jedd tal-istess akkużat dwar l-aċċess tiegħu għal Qorti biex l-ilment tiegħu ikun mistħarreġ kif jistħoqq. Għall-kuntrarju, tqis li l-Qorti Riferenti kienet għal kollox attenta u b'għajnejha miftuħa għad-delikatezza tal-qagħda tal-akkużat u tal-ilment tiegħu, l-iżjed għaliex il-biżgħa tal-

---

[37] P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)

[38] P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Critien pro et*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima et vs Frendo et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)

[39] P.A.. JZM **25.3.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et*** (*in parte*)

[40] Ara, fost l-oħrajn, P.A. LM **17.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Azzopardi et vs Philip Grima et*** (*in parte*)

[41] Kost. **17.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.149**)

[42] Q.E.D.B. **18.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Wiezrbicki vs Polonja*** (Applik. Nru. 24541/94) §§ 39 u 45

akkużat kienet diġa' ħadet is-sura ta' kawża oħra ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali u kienet għaddejja t-tieni kawża bħalha miftuħa minnu. Din il-Qorti tqis li r-Riferenza saret aktar "*ex abundante cautela*" milli għal ħaġ'oħra, u ma għandhiex dubju li kieku l-Ġuri kompla jinstema', il-Qorti Riferenti kienet sensittiva biżżejjed għall-kwestjonijiet marbuta mal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq li dak il-ħarsien kien jingħata bi tmexxija għaqlija tal-każ. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti ma ngħatatx argumenti tajbin biżżejjed min-naħa tal-akkużat li juruha li d-Degriet kien tassew jissarraf fi preġudizzju għall-każijiet li huwa kellu pendenti kemm quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) u kif ukoll quddiem il-Qorti fi Strasburgu;

"Illi f'kull każ, fil-mori ta' din ir-Riferenza, kemm il-każ imressaq mill-akkużat quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) u kemm dak imressaq minnu quddiem il-Qorti fi Strasburgu nstemgħu u ngħatat is-sentenza dwarhom b'eżitu mhux favurih. Għalhekk, fid-dawl ta' din iċ-ċirkostanza wkoll jidher li ċ-ċaħda tas-soprasessjoni magħmula mill-Qorti Riferenti ma kenitx waħda sostanzjalment ħażina u lanqas waħda li wasslet għal ksur tal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq;".

## L-Appell

10. L-appellant jissottometti li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija bazata fuq "apprezzament hazin tal-ligi". Jissottometti li l-ewwel Qorti telqet mill-punto di partenza li l-Qorti Kriminali qatt ma messa laqghet it-talba ta' riferenza. Ikompli jfisser hekk l-aggravju tieghu:

"….L-istitut ta' soprassessjoni verament huwa wiehed li ghandu jintuza' biss eccezzjonalment ghaliex jekk jigi abbuzat jista' jtawwal il-proceduri inutilment u johloq pregudizzju. Anzi hemm sentenzi tal-Qorti Ewropea li jghidu li uzu hazin ta' dan l-istatut jist'a effettivment addirittura jchahhad l-access ghall-qrati. Izda dawn il-principji japplikaw biss meta talba ghal soprassessjoni tkun wahda vessatorja u bla bazi. Mill-banda l-ohra skont il-gurisprudenza nostrali kull kaz ghandu jigi ezaminat skont il-fattispecie tieghu.

……………………………..omissis……………………………………

"L-appellant qieghed jirrinfaccja proceduri kriminali u qcd jistenna li jigi appuntat il-guri tieghu. Fil-perjodu meta saret ir-referenza il-kwistjoni ta' jekk statement mehud waqt investigazzjoni minghajr assistenza legali kienet wahda li ma kienitx ghadha giet stabbilita minn dawn il-

> Qrati. ……. L-esponent m 'hemmx ghalfejn joqghod jelabora fuq dan il-punt u jsemmi is-sentenzi in kwistjoni ghaliex dawn saru fost l-aktar sentenzi citati fil-perjodu in kwistjoni. Kien f'dan l-isfond illi kien importanti ghall-appellant illi jkollu dan il-punt deciz mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.
>
> "Illi l-ewwel Qorti kkummentat fis-sens illi kienet certa illi l-Qorti rimandanti kienet ser tqis anke l-kwistjonijiet li tali stqarrijiet kienu qed joholqu u konsegwentement tqishom b'certu kawtela. Dan l-argument jista' japplika ghal kawza li tigi deciza minn gudikant. Pero x ' garanzija kellu l-appellant dak iz-zmien illi dan il-punt delikat kien ser ikun apprezzat mill-gurati?
>
> "Illi apparti minn hekk hemm konsiderazzjoni ohra. Il-Qorti Ewropea mghandhiex is-setgha li tannulla sentenzi lokali. Tieqaf biss fli tiddikjara ksur u takkorda kumpens. X'rimedju iehor kien ser ikollu l-appellant li kieku il-Qorti Kriminali kompliet bis-smiegh tal-guri, l-appellant instab hati (principarjament minhabba l-kontenut ta' l-istatement) u wehel il-habs u sussegwentement inghatat sentenza mill-Qorti Ewropea li tghid li l-istatement tieghu m'ghandux jitqies bhala prova? L-appellant kien isibu ruhu f'sitwazzjoni fejn ma kienx ikollu rimedju, salv forsi li wiehed jerga' jijpprocedi fil-Prim Awla (Sede Kosituzzjonali) ghal rimedju straordinarju. Pero' kien ferm iktar espedjenti dak iz-zmien, f'dawk ic-cirkostanzi, li tintlaqa' t-talba ghas-soprasessjoni.
>
> "Illi verament fil-mori ta' dawn il-proceduri il-Qorti Ewropea tat sentenza fis-sens illi ddikjarat il-proceduri ta' l-appellant intempestivi pero dan l-appell qieghed isir anke minhabba l-fatt illi dawn il-proceduri wkoll ser jiffurmaw parti mill-inkartament tal-guri u dak li tenniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata tista' tippregudika fil-guri".

11. Ghaldaqstant l-appellant qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u "tiddeciedi li kien hjemm ksur kif mitlub fir-riferenza oderna".

12. Minn naha tieghu, l-Avukat Generali jirribatti billi, fl-ewwel lok jissenjala li mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti b'xi mod espressament osservat li "l-Qorti referenti qatt ma messha laqghet it-talba ta' referenza". Il-process deliberattiv tal-ewwel Qorti kien jinkludi

osservazzjonijiet dwar in-natura tad-digriet li fuqu hija msejjsa r-referenza. Huwa jkompli jissottometti hekk:

> "Mhuwiex gjust l-appellant meta jittenta jattribwixxi interpretazzjoni lil dak li ntqal mill-Ewwel Qorti li tmur lil hinn minn dak li etfettivament dik il-Qorti osservart. Dak li ghamlet l-Ewwel Qorti kien biss li tpoggi r-referenza fil-kuntest tal-fatti li jiccirkondawha inkluz il-kronologija tal-fatti li sehhew qabel ma saret ir-referenza. Lanqas ma jirrizulta mill-qari tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti ddedikat parti sostanzjali taghha lil dan il-punt, ghall-kuntrarju mis-sentenza jidher car li l-Ewwel Qorti kienet skjetta meta kienet qed taghmel l-osservazzjonijiet taghha dwar in-natura tad-Digriet kif ukoll kif persuna tista' tattakka tali Digriet.
>
> "Illi l-appellant jaccetta li s-soprasessjoni tas-smigh ta' kawza tista' tinghata b'mod eccezzjonali u qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ma tindahalx fit-twettiq minn xi Qorti ohra dwar jekk ghandhiex tilqa' jew tichad talba ghal soprasessjoni sakemm tali Qorti tkun imxiet b'mod regolari jew hadet decizjoni manifestament zbaljata.
>
> "L-appellant fl-argumentazzjoni tieghu ma jurix kif il-Qorti Kriminali mxiet b'mod irregolari jew hadet decizjoni manifestament zbaljata izda jargumenta biss li, gialadarba huwa kien istitwixxa proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja allura l-Qorti Kriminali kellha tilqa' t-talba ghas-soprasessjoni u dan peress li skont l-appellant il-Qorti Ewropeja tista' biss takkorda kumpens filwaqt li ma tistax tisfilza l-istqarrija. L-appellant jargumenta wkoll li l-Qorti Kriminali qatt ma setghat tigarantixxi smigh xieraq fil-pendenza tal-kawza quddiem il-Qorti Ewropeja gialadarba l-fatti jigu determinati mill-gurati. L-esponenti f'dan ir-rigward jirrileva li l-proceduri li abbazi taghhom kienet qed tintalab is-soprasessjoni u cioe' l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja u dawk ll-ismijiet **"Martin Dimech vs Avukat Generali"** (rikors kostituzzjonali numru 61/2013) inqatghu definittivament, u ghalhekk tenut kont ta' dan l-izvilupp wiehed isaqsi jekk ghadx hemm il-htiega ta' dina r-referenza stante li ormai il-mertu taghha jinsab ezawrit u cioe' il-fatt li l-kawzi li abbazi taghhom kienet qed tintalab is-soprasessjoni inqatghu b'mod definit kontra l-appellant. Illi azzjonijiet ta' natura kostituzzjonali mhumiex intizi sabiex iservu bhala ezercizzju akkademiku izda jrid ikun hemm fatti li jiggustifikaw f-utilita' tal-azzjoni.
>
> "Illi aktar minn hekk, l-esponenti ma jaqblux li l-uniku rimedju li tista' taghti l-Qorti Ewropeja huwa kumpens monetarju. Il-Qorti Ewropej a tista', jekk hekk thoss li ghandu jsir, tohrog ordni taht l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni Ewropeja b'liema ordni hija taghti gwida kif l-Istat koncernat ghandu jezegwixxi s-sentenza taghha. Illi wiehed ma jridx jinsa li anke fil-kuntest domestiku u cioe' jekk Qorti rnunita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ssib lezjoni, l-isless Qorti tista' tiddeciedi li dikjarazzjoni ta' lezjoni hija rimedju sUfficjenti jew taghti rimedju fil-

> forma ta' kumpens monetarju. Illi ghalhekk il-gustifikazzjoni li qed jittenta jaghmel l-appellant b'riferenza ghall-kawza li kien intavola quddiem il-Qorti Ewropeja ma tregix.
>
> "L-istess jinghad fuq l-argument li l-gurati ma kienux ser japprezzaw punti delikati. F'dan irrigward l-esponenn jissottometti illi l-Qorti Kriminali hija presjeduta rninn Imballef li joffri l-garanziji kollha ta' smiegh xieraq fosthom li jwissi lill-gurati bil-perikolu li huma joqghodu biss fuq stqarrija meta jiddeciedu dwar htija minghajr ma jqisu wkoll il-provi l-ohra….".

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

13. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, kif rilevat mill-Avukat Generali, il-meritu tal-proceduri odjerni llum jinsab ezawrit bis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet **Martin Dimech v. Malta**, [App. 34373/13, deciza finalment fit-2 ta' Lulju 2015] fejn dik il-Qorti kkonkludiet li, tenut kont tal-istadju li fih waslu l-proceduri kriminali, kif ukoll u b'mod partikolari, tenut kont tal-fatt li l-ezami tal-punt jekk l-akkuzat sofriex ksur tad-dritt ghal smigh xieraq necessarjament jinvolvi ezami tal-proceduri kriminali fit-totalita` taghhom, inkluz il-fattur jekk l-akkuzat jinstabx hati jew le, dik il-Qorti kkonsidrat il-kaz tal-akkuzat, allura applikant, bhala prematur. Hija fissret hekk il-konsiderazzjonijiet taghha:

> "43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7

July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).

……………………….omissis……………………..

"46. Furthermore……..the Court considers that it cannot be excluded that the applicant be eventually acquitted or that proceedings be discontinued.

"47. The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).

"48. The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies".

14. Konsidrat il-premess din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li "ic-cahda [tat-talba] ghas-soprassessjoni maghmula mill-

Qorti Riferenti ma kenitx wahda sostanzjalment hazina u lanqas wahda li wasslet ghal ksur tal-jedd tal-akkuzat ghal smigh xieraq" u kif osservat il-Qorti Ewropea jibqa' impregudikat id-dritt tal-akkuzat li, fit-tmiem il-proceduri kriminali jekk jinstab hati, iressaq mill-gdid l-ilment tieghu li allura jigi kkonsidrat fid-dawl tal-totalita` tal-proceduri.

15. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell bl-ispejjez a kariku tal-appellant u, tordna li jigu rinvijati l-atti lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-kaz skont din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb